MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 2/1999/1

**Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Nicholas Farrugia**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid:

Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 23 t' Ottubru 1998 fejn gie infurmat li l-kumpens li l-Awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond numru 182, Triq il-Wied l-Imsida, huwa ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) kif jidher fir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&CE tas-6 t'Awissu 1997, li kopja tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz ta' Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru 1998, l-intimat fost affarijiet iddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlub li dan il-kumpens ghandu jkun ta' ghoxrin elf u hames mitt lira Maltija (Lm20,500.00)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimaa biex jitrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka l-fond fuq imsemmi l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-intimat kien ikkontesta l-offerta tar-rikorrenti Kummissarju tal-Art u dan permezz ta' ittra ufficjali bid-data tat-13 ta' Novembru 1998 fejn intima li l-fond esproprijat ghandu valur ta' ghoxrin elf u hames mitt lira maltin (Lm20,500) u mhux kif offert mir-rikorrenti;
Illi in sostenn tal-oggezzjoni tieghu, l-intimat ressaq bhala xhud lil-perit arkitett tieghu li kkonferma din l-istima kif ukoll lill-ibnu li xehed li peress li dan il-fond hu soggett ghall-gharar u peress li missieru ghamel zmien jghix fih bhala residenza, kien ghamel tibdil strutturali billi gholla l-livell tal-art bi tlett filati

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pace u l-Perit AIC Frederick Valentino wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

“L-esponenti ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta), u partikolarment l-Artikolu 27, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta’ in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta’ fabrikabbli u li l-valur tal-istess proprjeta’ bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esebiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta’ hmistax-il elf lira maltin (LM15,000) ekwivalenti ghall Euro 34,940.60”

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat jitrasferixxi bhala liberu u frank b’titolu ta’ xiri assolut l-fond fabrikabbli Numru 182, Triq il-Wied, Msida lir-rikorrenti Kummissarju tal-Art u dan bil-kumpens ta’ erba u tletin elf, disa mija u erbghin euro u sittin centezmu oltre l-imghax legali spettanti lil-intimat. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fid-9 ta’ Gunju 2009 fis-1.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.M., LL.D biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------